

# *Jikteb*

## *il-President Onorarju tal-Każin tal-Banda*

**Charlot Grima**
*B.Sc*

# Milli Niftakar...

F'nofs is-sena 1944, il-Gwerra Mondjali kienet bdiet titbiegħed ħafna minn Malta, u għalhekk kull nhar ta' Sibt u kull nhar ta' Ħadd, id-Dumnikani tal-Birgu ta' qabel il-gwerra bdew jiġu l-Birgu ħalli jaraw kif il-gwerra kienet ġarrfet il-Knisja tal-Lunzjata, il-Kunvent tad-Dumnikani u l-Każin tal-**Banda Prince of Wales Own**. In-nies tagħna kienu jiġu jħarsu 'l hawn u 'l hemm lejn il-Knisja, l-Kunvent u l-Każin, u mbagħad jaqbdu jaħsbu u jgħidu bejnhom u bejn ruħhom jekk dak li ġie mġarraf jerġax jitla' u meta. Kulħadd qabel ma joħorġu mill-Birgu dejjem kienu jieqfu għand Gio Batta Costantino, Patist il-Ħajjat, li kellu l-ħanut tiegħu fil-kantuniera ta' Strada Porta Maggiore (Triq il-Mina l-Kbira) u Triq it-Torri San Ġwann. Kienu jkellmu lil Patist għax kienu jaħsbu li Patist, peress li qiegħed f'pożizzjoni ċentrali, kien jaf xi ħaġa li huma ma kinux jafu.



*Charlot Grima ma' L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, ħabib antik tat-tfulija, waqt żjara ta' korteżija f'Lulju 2005.*

Il-Partitarji Dumnikani kienu jaħsbu tajjeb. Kull darba li xi uffiċjal tal-*War Damage Commission* jew ta' xi dipartiment ieħor tal-Gvern kienu jiġu l-Birgu n-naħa ta' fuq, dejjem kienu jsaqsu lil Patist xi ħaġa jew oħra. U anke meta kien jiġi xi Patri Dumnikan mir-Rabat jew minn Fleur-De-Lys (fejn kienu l-patrijiet tal-Birgu), dejjem ukoll kienu jieqfu għand Patist biex isaqsuh xi ħaġa. Allura l-ħanut ta' Patist speċi sar iċ-ċentru ta' informazzjoni għal kulħadd. Tant hu hekk, li Patist kien jiftaħ il-ħanut tiegħu l-Ħadd mhux biex jaħdem imma biex jinforma lid-Dumnikani li jiġu jżuru l-Birgu u jkunu jridu jagħmlu jew jitgħallmu xi ħaġa.

Fi tmiem l-1944, kull filgħaxija, kienu jpoġġu ħafna nies fil-ħanut ta' Patist biex jitkellmu. Fosthom kien hemm Giuseppi Cefai, il-Mofti; George Mamo ta' Bormla, Emanuele Costantino, il-Mast, ħu Patist; Giuseppi Minuti, ħu Patri Gerald; Fonzu Merilli 'in-Nannu';

Paolo Piscopo, iż-Żużu; Duminku Zammit, iż-Żużu; Carmelo Zammit u oħrajn li jiena ma niftakarx. Post ieħor li d-Dumnikani kienu jiltaqgħu kien il-ħanut tal-grocer ta' Fredu Schembri 'Il-Melħa'. Dawn kienu Paolo Xuereb, Giuseppi Degabriele, 'il-Bażuż'; Giuseppi Zammit taż-Żużu; Geraldu Zammit, il-Pulizija; Wenzu Cacciattolo, Gejtu Pace, Kieli il-Matalin, Ċensu it-twil ta' Dovik, Ġużeppi Barun u oħrajn.

It-tielet post fejn id-Dumnikani kienu jiltaqgħu kien il-ħanut ta' Robert Gafà , 'Robert il-barbier'. Dawn kienu Gianni Drago, 'il-Muċċu'; Giuseppi Mazzelli, 'il-Futri'; Toni 'il-Fuoi', Ġanni u Spiro Attard 'tal-Monti' u oħrajn. Nies oħra li kienu jpoġġu fit-tliet postijiet li diġà semmejt kienu Ġużeppi Caruana, 'Remiġju'; Lorry Borg, 'il-Ħaċċa'; Ċensu il-Mali, is-sagristan; Johnny Mamo, u ħafna u ħafna nies oħra li kellhom ix-xewqa u l-enerġija li jagħmlu xi ħaġa bħal dawk li semmejt ħalli d-Dumnikani tal-Birgu jerġgħu jitqajmu.

Klikka oħra żgħira li kienu dejjem jippretendu li jafu kollox u li kienu dejjem bil-ġlied max-xjuħ kienu Lelinu Vella, Ċensinu Caruana, Pawlu Kirkop, Peter Borg u jiena. Aħna dejjem ridna nagħmlu kollox illum minflok għada, dejjem ridna mmorru fejn forsi kien hemm il-maltemp. Per eżempju meta kienu jgħidu li jmorru jaraw il-Provinċjal fuq il-Knisja x'sejjer isir, aħna ż-żgħar ridna niktbu lill-Ġeneral tad-Dumnikani f'Ruma biex jindaħal hu. Meta x-xjuħ riedu jmorru l-*War Damage Commission* biex jaraw x'qiegħed isir fuq il-Knisja, il-Kunvent u l-Każin, aħna ridna mmorru għand il-Gvernatur, u nsomma, affarijiet bħal dawn. Però kulħadd kellu xewqa waħda, li nagħmlu xi bidu x'imkien. U l-bidu sar fl-aħħar, meta ssewwa l-parti tal-Każin li ma kinitx twaqqgħet, u fl-aħħar kien hemm ċentru fejn kulħadd kien jista' jiġi u jiltaqa'. Anke nfetaħ il-bar kull filgħaxija. Niftakar dak iż-żmien, il-bejgħ ta' kull lejla kien ikun xi seba' xelini, u kull nhar ta' Ħadd xi żewġ liri u nofs.

Okkażjoni oħra ta' ferħ kien meta reġa' nfetaħ il-*Malaya Bar* post ieħor fejn id-Dumnikani kienu jmorru, speċjalment matul il-ġurnata. Il-familja ta' Salvu Scicluna 'Bellika' bħal qabel il-gwerra, ħadu ħsieb tal-bar. Però matul l-1944 u l-1945, il-ħanut ta' Patist Costantino kien u baqa' għal ħafna drabi post ta' informazzjoni ta' x'qiegħed jiġri jew x'sejjer isir, u anke post ta' speranza kbira għall-futur.

Meta niżlu l-Patrijiet il-Birgu minn Fleur-De-Lys, kienu joqogħdu u anke jqaddsu ġol-Palazz ta' l-Inkwiżitur. Niftakar sewwa fil-Festa ta' l-1945 li saret ġol-'Mess', il-Mofti (Giuseppi Cefai) ried idawwar il-Knisja mwaqqa' bil-fjakkoli taż-żejt, però din l-idea għalkemm kienet ġiet milqugħa minn ħafna nies, ma kinitx saret. Dak iż-żmien kull ħaġa, għalkemm żgħira ħafna, kulħadd kien jieħu pjaċir biha għax donnu kien jidher sinjal tal-progress. Nies bdew jattendu l-Każin speċjalment il-Ħadd filgħodu. Kull invit li l-Każin kien jirċievi konna mmorru xi erbgħa jew ħamsa biex nuru li l-Każin tal-Banda Prince of Wales Own għadu jeżisti. Is-Sur Tonin Bezzina, eks-Viċi-President tal-Każin, u s-Sur Ġużè De Giovanni, eks-President, għalkemm avvanzati fl-età, kienu jiġu ta' spiss biex jgħatuna l-kuraġġ għall-futur. Ħaġa oħra, ta' ferħ kbir kienet meta nstabet il-forma ta' San Duminku tal-Pjazza (il-Ġgant), għand il-Lhudi Ħal Qormi.

Fl-aħħar parti ta' l-1946 ġie ffurmat Kumitat tal-Festa għax diġà kien hemm ftehim li nagħmlu festa fis-sena 1947. Il-Kumitat kien taħt Patri Pietru Pawl Bajada OP u n-nies li kienu għall-ewwel iħabirku għal kollox kienu membri ta' dan il-Kumitat. Nerġa' nsemmi isimhom: Patist Costantino, Giuseppe Cefai, George Mamo, Fonsu Merrilli, Lorry Borg, u oħrajn. Anke fl-aħħar parti ta' l-1946 saru arranġamenti biex issir l-ewwel Seduta Ġenerali tal-Każin ta' wara l-gwerra. L-eċċitament għal din l-okkażjoni kien kbir u meta fl-aħħar saret is-seduta ġenerali fil-bidu ta' l-1947, kien hemm aktar minn 60 membru li attendew.

L-ewwel deċiżjoni ta' l-ewwel Kumitat ta' wara l-gwerra kienet li jkun hemm laqgħa tal-Kumitat kull ġimgħa.

L-eċitament tal-poplu Dumnikan fil-bidu ta' l-1947 kien kbir għax beda jidher li l-ħidma ta' dawk il-ħabrieka ta' l-1944, 1945 u 1946 qiegħda issa tagħti l-frott. Fil-Każin, Giuseppe Degabriele u oħrajn bdew jaħsbu biex jiffurmaw il-Banda, u s-Surmast Vincenzo Ciappara ta' qabel il-gwerra kien lest biex jidderiġiha. Għalhekk tista' taħseb l-eċitament li kien hemm meta l-Banda għamlet l-ewwel kunċert tagħha fuq is-sur ta' San Ġwann fejn dak iż-żmien kien hemm il-Boy Scouts. L-innu u l-marċ ta' **San Duminku** ndaqq dak in-nhar filgħaxija għall-ewwel darba minn qabel il-gwerra. Kien wara nofs in-nhar il-Ħadd f'Mejju 1947 meta l-vara ta' San Duminku tal-purċissjoni waslet il-Birgu lura mir-Rabat fost il-pjaċir u b'dimostrazzjoni żgħira ta' xi ħamsin ruħ u xi sebgħin tfal ikantaw l-innu marċ ta' San Duminku.





*Charlot ma' ħbieb antiki dilettanti tal-Festi Esterni ta' San Duminku u tal-Każin Prince of Wales Own.*

L-ewwel festa ta' wara l-gwerra saret f'Awissu 1947. Is-Sibt tal-festa, il-Banda għamlet marċ għal fejn **San Duminku** tan-niċċa li dak iż-żmien kien għadu faċċata ta' Triq il-Mina l-Kbira. Il-Ħadd, quddiesa kantata fil-Mess, mgħejjuna mill-abbatini ta' qabel il-gwerra, li kienu Noel Borg, Giuseppi Minuti, Ġużi Cachia, Lelinu Vella, Ċensinu Caruana, Peter Borg, Pawlu Kirkop u jiena. Wara li l-kantata spiċċat, kulħadd kien mar il-Każin fejn kien mimli bin-nies. Filgħaxija l-Banda għamlet marċ ieħor fit-toroq ta' l-inħawi Dumnikani, u filgħaxija ħarġet il-purċissjoni b'San Duminku. L-istatwa kienet ġiet imniżżla fuq l-idejn mit-taraġ tal-Mess, imbagħad għamluha fuq il-pedestall tar-Rużarju. It-triqat tal-purċissjoni kienu mixgħula bid-dawl u għamilna l-festuni tal-karti. L-eċitament kien ukoll kbir l-għada tal-festa l-1 ta' Settembru 1947, meta artiklu żgħir u ritratt ta' ħafna membri tal-Komunità Dumnikana dehru fil-gazzetta *Times of Malta*. Xi ħmistax wara l-festa saret l-ewwel xalata organizzata mill-Kumitat tal-Festa.


**Tommy Self Service**

Prop. Emerson Dimech

*Għal affarijiet tal-grocer li tinħtieġ il-mara tad-dar*

**Triq Sant'Antnin, il-Birgu**